32006R1964

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1964/2006

tat-22 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladexx, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 tas-26 ta' Novembru 1990 dwar l-importazzjoni ta' ross li joriġina fil-Bangladexx [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1785/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 10(2), 11(4) u 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 3491/90 jistabbilixxi li d-dazji applikabbli għall-importazzjonijiet tar-ross li joriġina mill-Bangladexx jitnaqqsu b'50 % kif ukoll b'element fiss differenti skont il-livell ta' fabbrikazzjoni tar-ross, aktar u aktar jekk xi taxxa korrispondenti ġiet imħallsa waqt l-esportazzjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Minħabba dan, għandhom jiġu kkunsidrati, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-obbligi internazzjonali li daħlu minn meta ġie adottat dan ir-Regolament kif ukoll il-modifikazzjoni tal-iskema agrimonetarja li bdiet fl-1995.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 862/91 tat-8 ta' April 1991 li jistabbilixxi regoli dettaljati li japplikaw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 għall-importazzjoni ta' ross li joriġina fil-Bangladexx [3], kien emendat konsiderevolment minn mindu kien adottat. Minbarra hekk, għandhom jiġu armonizzati id-dispożizzjonijiet dwar il-kwota ta' oriġini mill-Bangladexx mar-Regolamenti orizzontali jew settorjali ta' applikazzjoni, li huma, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' liċenzji ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [4], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross [5], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni għall-prodotti agrikoli amministrati b'sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni [6]. Dan l-aħħar Regolament japplika għal-liċenzji għall-importazzjoni għall-perjodi ta' kwota tariffarja li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jistabbilixxi b'mod partikolari l-arranġamenti relatati mar-rikjesti, il-kwalità ta' min jagħmel ir-rikjesta, kif ukoll il-ħruġ tal-liċenzji. Dan ir-Regolament jillimita ż-żmien li fih ikunu validi l-liċenzji sal-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja u japplika mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet addizzjonali jew derogi stabbiliti mir-Regolamenti settorjali. Għalhekk għandu jiġi adattat il-metodu ta' amministrazzjoni tal-kwota tariffarja Komunitarja dwar l-importazzjoni tar-ross li joriġina mill-Bangladexx, billi jiġi adottat Regolament ġdid li jibda japplika mis-sena 2007 u billi jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 862/91.

(4) Sabiex tiġi amministrata tajjeb din il-kwota, huwa neċessarju li l-operaturi jingħataw permess biex jippreżentaw aktar minn rikjesta waħda għal liċenzja għal kull perjodu ta' kwota u għalhekk għandha ssir deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006. Għalhekk għandhom jiġu ddefiniti regoli speċifiċi applikabbli għall-istabbiliment tar-rikjesti għal-liċenzji, il-ħruġ tagħhom, iż-żmien li fih ikunu validi u r-rapport tal-informazzjoni lill-Kummissjoni kif ukoll il-miżuri amministrattivi adattati sabiex jiġi ggarantit li l-volum tal-kwota fissa ma jinqabiżx. Minbarra dan, sabiex jitjieb il-kontroll ta' din il-kwota, kif ukoll biex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tagħha, għandu jiġi stabbilit li r-rikjesti tal-liċenzji jinġabru kull ġimgħa u li jiġi ffissat l-ammont tal-garanzija f'livell adattat mar-riskji meħuda.

[1] ĠU L 337, 4.12.1990, p. 1.

[2] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 96. Ir-Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 797/2006 (ĠU L 144, 31.5.2006, p. 1).

[3] ĠU L 88, 9.4.1991, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1950/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 18).

[4] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1713/2006 (ĠU L 321, 21.11.2006, p. 11).

[5] ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 945/2006 (ĠU L 173, 27.6.2006, p. 12).

[6] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

(5) Dawn il-miżuri għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 2007, id-data minn meta l-miżuri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 japplikaw.

(6) Għaldaqstant, il-perjodu ta' meta jinġabru l-ewwel rikjesti stabbiliti minn dan ir-Regolament fl-2007 jibda fi btala pubblika, u għalhekk ikun opportun li jiġi stabbilit li l-ewwel rikjesti jistgħu jingħataw mill-operaturi mill-ewwel jum ta' xogħol tas-sena 2007 u li dan l-ewwel perjodu ta' meta jinġabru r-rikjesti jispiċċa l-aktar tard it-Tnejn 8 ta' Jannar 2007. Minbarra hekk għandu jiġi speċifikat li r-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni ta' dan l-ewwel perjodu għandhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni l-aktar tard it-Tnejn 8 ta' Jannar 2007.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwota tariffarja għall-importazzjoni annwali stabbilita fl-Artikolu 2(1), tar-Regolament (KEE) Nru 3491/90 tiftaħ kull sena fl-ewwel ta' Jannar, għal kwantità ekwivalenti għal 4 000 tunnellata ta' ross imqaxxar. Għandha n-numru ta' ordni 09.4517.

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000, (KE) Nru 1342/2003 u Nru 1301/2006 japplikaw ħlief jekk ikun hemm xi dispożizzjonijiet kontrarji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Iċ-ċertifikat ta' oriġini stabbilit fit-tieni punt tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3491/90 (minn hawn 'il quddiem: "ċertifikat ta' oriġini") isir fuq formola li l-mudell tagħha jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Iċ-ċertifikat ta' oriġini huwa validu għal disgħin jum mid-data tal-ħruġ u l-aktar sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

3. L-awtorità kompetenti biex tagħti ċ-ċertifikati ta' oriġini hija l-"Export Promotion Bureau of Bangladesh".

Artikolu 3

1. Il-prova stabbilita fl-ewwel punt tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3491/90 tingħata bl-inserzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Bangladexx ta' waħda mir-referenzi li jidhru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament fis-sezzjoni "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' oriġini.

2. Jekk it-taxxa li rċieva l-pajjiż minn fejn issir l-esportazzjoni hija aktar baxxa mit-tnaqqis stabbilit fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3491/90, it-tnaqqis jiġi limitat għall-ammont irċevut.

Artikolu 4

1. Minbarra l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, ir-rikjesta għal-liċenzja għall-importazzjoni u l-liċenzja għall-importazzjoni, għandhom jinkludu, sabiex jibbenefikaw mill-iskema stabbilita fl-ewwel Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 3491/90:

a) fit-taqsimiet 20 u 24, waħda mir-referenzi li jidhru fl-Anness III;

b) fit-taqsima 8, ir-referenza "Bangladexx" u r-referenza "iva" immarkata b'salib.

2. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikant jista' jagħmel aktar minn rikjesta waħda għal liċenzja għal kull perjodu ta' kwota. Il-kodiċi NM bi tmien ċifri hija indikata fuq ir-rikjesta.

3. Ir-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kull ġimgħa l-aktar tard it-Tnejn fis-seġħa ta' wara nofsinhar, ħin ta' Brussell. Għaldaqstant, għas-sena 2007, il-perjodu ta' meta jiġu ppreżentati l-ewwel rikjesti jibda biss mill-ewwel jum ta' xogħol tas-sena 2007 u jispiċċa l-aktar tard fit-8 ta' Jannar 2007, u l-ewwel nhar ta' Tnejn li fih isir ir-rapport tar-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni lill-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 7(a) huwa t-Tnejn 8 ta' Jannar 2007.

Artikolu 5

1. Meta l-kwantitajiet mitluba matul ġimgħa jaqbżu l-kwantità disponibbli tal-kwota, il-Kummissjoni tistabbilixxi, l-aktar tard sar-raba' jum ta' xogħol wara l-aħħar ġurnata li fiha jkunu nġabru r-rikjesti għal dik il-ġimgħa, koeffiċjent ta' attribuzzjoni li għandu japplika għal kull rikjesta, tirrifjuta r-rikjesti ppreżentati għall-ġimgħat ta' wara u twaqqaf il-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni sal-aħħar ta' dik is-sena.

Meta l-koeffiċjent ta' attribuzzjoni stabbilit fl-ewwel inċiż jirriżulta fi kwantità waħda jew aktar ta' inqas minn 20 tunnellata għal kull rikjesta, l-attribuzzjoni tat-total ta' dawn il-kwantitajiet issir mill-Istat Membru permezz ta' tlugħ bix-xorti fost l-operaturi kkonċernati b'lottijiet ta' 20 tunnellata, miżjud bil-kwantità li jifdal imqassma b'mod ugwali bejn il-lottijiet ta' 20 tunnellata. Għaldaqstant, jekk l-addizzjoni tal-kwantitajiet ta' inqas minn 20 tunnellata ma tippermettix li jsir lott ta' 20 tunnellata, l-attribuzzjoni tal-kwantità li tkun fadal hija mqassma mill-Istat Membru b'mod ugwali bejn l-operaturi li għandhom liċenzja ta' 20 tunnellata jew aktar.

Jekk wara l-applikazzjoni tat-tieni inċiż, il-kwantità li għaliha għandha toħroġ il-liċenzja hija inqas minn 20 tunnellata, ir-rikjesta għal-liċenzja tista' tiġi rtirata mill-operatur fi żmien jumejn ta' xogħol mid-data tal-implimentazzjoni tar-Regolament li jistabilixxi l-koeffiċjent ta' attribuzzjoni.

2. Il-liċenzja għall-importazzjoni li toħroġ għal kwantità li ma taqbiżx dik imsemmija fiċ-ċertifikat ta' oriġini stabbilit fl-Artikolu 2, tobbliga li l-importazzjoni ssir mill-Bangladexx.

3. Il-liċenzja għall-importazzjoni toħroġ fit-tmien jum ta' xogħol wara d-data ta' għeluq li fiha jridu jsiru r-rapporti tar-rikjesti għal-liċenzji lill-Kummissjoni, stabbilita fl-Artikolu 7(a).

Artikolu 6

B'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, l-ammont tal-garanzija relatata mal-liċenzji għall-importazzjoni hija ta' 30 euro għal kull tunnellata rigward ir-ross paddy li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 10 minbarra l-kodiċi NM 1006 10 10.

Artikolu 7

L-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni b'mod elettroniku:

a) fl-aħħar ġurnata li fiha jinġabru r-rikjesti għal-liċenzji, l-aktar tard sas-sitta ta' fil-għaxija ħin ta' Brussell, l-informazzjoni relatata mar-rikjesti għal-liċenzji għall-importazzjoni, stabbilita fl-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri tal-kwantitajiet (f'piż tal-prodott) li għalihom ikunu saru dawk ir-rikjesti.

b) l-aktar tard fit-tieni jum ta' xogħol wara l-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni l-informazzjoni dwar il-liċenzji maħruġa, stabbiliti fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri tal-kwantitajiet (f'piż tal-prodott) li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni.

c) l-aktar tard fl-aħħar jum ta' kull xahar il-kwantitajiet totali (f'piż tal-prodott) li b'mod effettiv tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera b'applikazzjoni ta' din il-kwota matul it-tielet xahar mill-aħħar, b'analiżi statistika għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri. Jekk ma tpoġġa xejn f'ċirkolazzjoni libera matul il-perjodu, jintbagħat rapport "null".

Artikolu 8

Ir-Regolament (KEE) Nru 862/91 qed jiġi rrevokat.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament jidħol fid-seħħ fil-jum wara li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

<table>
<tr><td>1. Mittent</td><td colspan="2">ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI

Għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea

Nru ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td rowspan="2">2. Destinatarju (mhux obligatorja)</td><td colspan="2">3. AWTORITÀ TA' ĦRUĠ</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Pajjiż ta' oriġini BANGLADEXX</td></tr>
<tr><td>NOTI

A. Il-formola taċ-ċertifikat għandha timtela bit-tipa jew permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' informazzjoni mekkanika jew proċedura simili.
B. L-oriġinal taċ-ċertifikat għandu jiġi ppreżentat flimkien mad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għand l-uffiċċju doganali kompetenti fil-Komunità.</td><td colspan="2">5. Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="2">6. Nru ta' ordni — Marki u numri — Kwantità u tipi ta' pakketti — Deskrizzjoni tal-merkanzija</td><td>7. Massa grossa u netta (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="3">8. DAN JIĊĊERTIFIKA LI L-PRODOTTI TA' FUQ JORIĠINAW FIL-PAJJIŻ INDIKAT FIT-TAQSIMA NRU 4 U LI L-INDIKAZZJONIJIET FIT-TAQSIMA NRU 5 HUMA KORRETTI

Post u data t-al-ħruġ: Firma: Timbru tal-awtorità tal-ħruġ:</td></tr>
<tr><td colspan="3">9. RIŻERVAT GĦALL-AWTORITAJIET DOGANALI FIL-KOMUNITÀ</td></tr>
</table>

ANNESS II

Referenza msemmija fl-Artikolu 3(1)

— *Bil-Bulgaru*:	Събрана специална такса върху износа на ориз	(ammonti fil-munita nazzjonali)
— *Bl-Ispanjol*:	Derecho especial percibido a la exportación del arroz	
— *Biċ-Ċek*:	Zvláštní poplatek vybraný při vývozu rýže	
— *Bid-Daniż*:	Særafgift, der opkræves ved eksport af ris	
— *Bil-Ġermaniż*:	Bei der Ausfuhr von Reis erhobene Sonderabgabe	
— *Bl-Estonjan*:	Riisi ekspordi suhtes kohaldatav erimaks	
— *Bil-Grieg*:	Ειδικός δασμός που εισπράττεται κατά την εξαγωγή ρυζιού	
— *Bl-Ingliż*:	Special charge collected on export of rice	
— *Bil-Franċiż*:	Taxe spéciale perçue à l'exportation du riz	
— *Bit-Taljan*:	Tassa speciale riscossa all'esportazione del riso	
— *Bil-Latvjan*:	Īpašs maksājums, kuru iekasē par rīsu eksportu	
— *Bil-Litwan*:	Specialus mokestis, taikomas ryžių eksportui	
— *Bl-Ungeriż*:	A rizs exportálásakor beszedett különleges díj	
— *Bil-Malti*:	Taxxa speċjali miġbura ma' l-esportazzjoni tar-ross	
— *Bl-Olandiż*:	Bij uitvoer van de rijst is de bijzondere belasting geïnd	
— *Bil-Pollakk*:	Specjalna opłata pobrana od eksportu ryżu	
— *Bil-Portugiż*:	Taxa especial cobrada à exportaçao de arroz	
— *Bir-Rumen*:	Taxă specială percepută la exportul de orez	
— *Bis-Slovakk*:	Zvláštny poplatok inkasovaný pri vývoze ryže	
— *Bis-Sloven*:	Posebna dajatev, pobrana na izvoz riža	
— *Bil-Finlandiż*:	Riisin viennin yhteydessä perittävä erityismaksu	
— *Bl-Iżvediż*:	Särskild avgift som tas ut vid export av ris	

ANNESS III

Referenza msemmija fl-Artikolu 4(1)(a)

— *Bil-Bulgaru*: Бангладеш
— *Bl-Ispanjol*: Bangladesh
— *Biċ-Ċek*: Bangladéš
— *Bid-Daniż*: Bangladesh
— *Bil-Ġermaniż*: Bangladesch
— *Bl-Estonjan*: Bangladesh
— *Bil-Grieg*: Μπανγκλαντές
— *Bl-Ingliż*: Bangladesh
— *Bil-Franċiż*: Bangladesh
— *Bit-Taljan*: Bangladesh
— *Bil-Latvjan*: Bangladeša
— *Bil-Litwan*: Bangladešas
— *Bl-Ungeriż*: Banglades
— *Bil-Malti*: Bangladesh
— *Bl-Olandiż*: Bangladesh
— *Bil-Pollakk*: Bangladesz
— *Bil-Portugiż*: Bangladesh
— *Bir-Rumen*: Bangladesh
— *Bis-Slovakk*: Bangladéš
— *Bis-Sloven*: Bangladeš
— *Bil-Finlandiż*: Bangladesh
— *Bl-Iżvediż*: Bangladesh.